**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrate Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 4 ta’ Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Abdul El Halek**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Abdul El Halek Mousad, detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 19I 074.

Akkuzat talli f’l-4 ta’ Ottubru 2019 u/jew fil-granet ta’ qabel f’Malta iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f’passaport jew dokument jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport jew dokument li hu kien jaf li ġie iffalsifikati, mibdula jew sar xi tibdil fihom;

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument hawn fuq imsemmi;

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta’dan l-Att li kien falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sezzjoni 32 (1) (f) tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRATE**